# MQABBA LOCAL COUNCIL

**29, PARISH STREET, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**

Minuti tas-Seduta Numru tnejn u tletin (32), tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar l-4 t'Awwissu 2009, fis-6.30pm, fil-Bini Miniċipali ta' l-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farruġia | Deputat Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-**Sindku Noel Galea ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Is-SE qara l-minuti tas-Seduta preċedenti, dawn sarulhom il-korrezzjonijiet, kienu approvati u iffirmati.

3. **Punti mill-Minuti**

3.1. Wara li tlestiet il-**bankina fil-Pjazza tal-Knisja** quddiem il-Każin tal-PN kif ukoll dak tas-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju (SMMTĠ), is-Sindku qal li talab appuntament mal-Ministru George Pullicino, biex jinqalgħu partijiet oħrajn tal-bankina fil-Pjazza, ħalli tkun magħmula bil-*porfido* u tidher uniformi. Hu sostna li fl-eventwalita' li jingħata ċ-ċans u jkollna l-possibilita' li nitkellmu miegħu, se jinsisti, biex tiġi ċċangata Triq San Mikiel u **tinqala' s-*central strip* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija** mill-knaten li kienu tpoġġew meta nfetħet t-triq diversi snin ilu biex dawn isiru b'kurduna aktar pulita u b'saħħita. Din hija triq arterja u għalhekk hemm ċans li l-każ jiġi milqugħ peress li l-karreġġata hi fir-responsabbilita' tal-Gvern Ċentrali. Dwar dan tkellem il-Kunsillier Paul Spiteri. Hu qal illi jekk it-talba tkun milqugħa, l-Kunsill għandu jinsisti biex jinqalgħu is-siġar u l-arbuxxell, kollha li hemm fis-*central strip* u jitwaħħal **tip wieħed ta' arbuxxell** li jkun jista' jinżamm fil-forma ta' *hedge* pulit, ħalli neliminaw problemi bħal dik ta' *wires* iħokku mas-siġar, li tiġrilhom il-ħsara f'riħ qawwi.

3.2. Dan il-punt kien imsemmi mis-Sindku fil-**laqgħa li kellna propju llum fis-2.30pm fil-Berġa ta' Kastilja, mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Chris Said**. Infatti matul din il-laqgħa kien imqajjem ukoll il-każ ta' l-Imqabba fejn il-Kunsill talab li jissellef biex iwettaq xogħlijiet ta' **kisi ta' toroq bit-*tarmac*** f'erbgħa u għoxrin triq. Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjoni qal li din it-talba se tkun milqugħa bħala **proġett pilota**, l-Imqabba u Ħal-Kirkop se jkollhom il-fakulta' li jirriżervaw il-fondi li jagħtina l-Gvern Ċentrali f'manutenzzjoni għat-toroq biex jiffinanzjaw id-dejn bl-interessi b'kollox kif fil-fatt talab il-Kunsill. Biex ikun jista jsir dan, peress li l-vot għat-toroq huwa *ring-fenced*, il-KLM, qed jiġi mitlub jagħti l-proġettazzjonijiet għall-futur u jipprovdi dettalji bħal kwotazzjonijiet tar-rata ta' nteressi tal-Bank lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, biex jikkonvinċi lill-awtoritajiet li l-proċess kien miftuħ mill-bidu sa l-aħħar.

3.3. Intant is-SE, ħareġ l-avviż ta' l-**Offerta Pubbliku** fuq bażi tal-Kuntratt għall-istess kisi ta' **toroq bit-tarmac** u nxtrat minn tliet kuntratti li ssemihom b'isimhom u mhux qed jitniżżlu fil-minuti ħalli sakemm tagħlaq l-istess offerta ma jkun ippreġudikat l-ebda offerta/kuntrattur.

3.4. Is-Sindku qal li f'din il-laqgħa ħareġ il-punt li konna diġa' tkellimna fuqu, għaliex kien preokkupanti, li l-**VAT se tkun tista' tinġabar lura**, fuq il-proġetti sottomessi lill-Unjoni Ewropeja (jew eżentata). Minbarra l-għajnuna bil-***Co-Financing Fund*** biex il-parti li jrid joħroġ il-Kunsill fil-fatt joħroġha l-Gvern Ċentrali, is-Segretarju Parlamentari qal li se ningħataw 40% *up front* biex ma jkunx hemm problema ta' likwidita', xi ħaġa li kienet qed tinkwieta lill-kunsill żgħir bħal dak ta' l-Imqabba.

3.5. Reġgħet issemmiet il-problema ta' **ilma ħiereġ taħt l-art fi Ġnien Mikelang Sapiano**, liema problema kienet misjuba diversu xhur ilu u l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma ma tatx widen għat-talba tal-KLM sabiex ikunu eliminati l-mains l-antiki li jinsabu mgħoddija minn taħt il-ġnien u terġa' titħaffer it-triq biex isiru mains ġodda ħalli ma nċaqilqux il-monument.

3.6. L-għażla tal-KLM **tal-kandidata Pauline Zammit biex isservi ta' librara**, wara li ntemmu l-intervisti mis-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u d-Direttur Librerija Pubblika, jidher li ma kienetx waħda tajba għaliex diġa' kellna mmorru fuq it-tieni fil-lista. Din hija Bridgette Saliba. Is-SE ta kopja tar-rapport ta' l-istess intervisti lill-kunsillieri, f'din is-seduta. Is-Sindku qal illi filwaqt illi Pauline Zammit qaltlu li ma kienetx lesta li tkun reġistrata mal-VAT biex tagħti riċevuta fiskali, u għalhekk talabha ir-riżenja uffiċjali. Intant Ms Saliba diġa' ħadet it-taħriġ li kien jinħtieġ u persuna mid-Dipartiment Libreriji Pubbliċi, se jagħmel kuntatt magħha sabiex juriha is-sistema komputerizzata OPAC.

3.7. Is-Sindku kif ukoll Paul Spiteri, **se jiltaqgħu mal-ITS** proprju għada fil-għodu biex dawn ikunu nvoluti fl-attivita' nazzjonali tat-2 t'Ottubru, 2009 bl-isem "L-Imqabba mal-Medda taż-żmien. Sadanittant il-kumitat taż-żgħażagħ, taħt ic-chairmanship ta' Paul Spiteri reġa' ltaqa' u din id-darba iddiskuta fid-dettal il-props ta' l-Isptar il-Qadim għal din l-attivita'. Biex kollox ikun jagħmel aktar sens, qed issir riċerka fuq il-kura li kien hawn fis-sena 1500 ħalli l-Isptar il-Qadim ikun armat jixbaħ sptar ta' dik l-epoka. Il-kumitat għandu f'moħħu illi jsir *poster* dwar il-katakombi tal-Mentna illi mhux biss jintuża fl-attivita' tat-2 t'Ottubru, 2009 biss, iżda wkoll minn viżitaturi li jiġu aktar tard. Kuntatti oħra se jsiru ma' l-armata biex tiġi bil-banda tagħha, mal-Pulizija biex jiġu jagħtu *show* tal-klieb kif ukoll lill-Kulleġġ San Benedittu biex ninvolvu l-iskejjel.

3.8. Intant, propju qabel ma nżammet din is-seduta, is-Sindku u s-SE intervistaw lil uniku applikant li wera x-xewqa li jaħdem ***part time clerk*** mal-Kunsill Lokali Mqabba fost il-ħaddiema klerikali tal-Kunsilli Lokalli. Dan hu Jason Cutajar li dwaru s-Sindku qal illi

(i) l-fatt li diġa' tefa' r-riżenja tiegħu minn mal-Kunsill Lokali Mtarfa biex imur jgħin lil missieru fin-negozju,

(ii) xorta waħda deher timidu minkejja l-esperjenza li għandu f'dan il-Kunsill ta' sena

ma jħallulux triq oħra ħlief li jirrakkomanda lill-Kunsill illi jmur għall-open call. Dwar dan l-uniku kandidat, il-kunsillieri l-oħra qablu unanimament illi fil-fatt noħorġu s-sejħa pubblika ma l-ETC minkejja li Nicholas Briffa irrimarka illi din il-persuna kellha l-kwalifiki neċessarji biex jimla' l-vakanza u fl-eventwalita' li tiġi magħżula oħra jkun hemm il-probation period ta' tliet xhur.

3.9. Dwar il-ħarġa li jmiss tal-**fuljett**, għad jonqos li jidħol l-*artwork* tar-reklami kif ukoll ir-ritratt tal-faċċata. Ix-xogħol tal-*proof reading* diġa' sar u s-SE semma' xi fillers illi kien hemm il-bżonn li jimlew il-faċċati fejn kien hemm kliem nieqes. Dawn il-fillers huma biex inħeġġu lill-pubbliku jixtru il-pubblikazzjonijiet u s-CD tal-Kunsill, dik biex inħeġġu l-pubbliku jieħdu miżuri ta' sigurta' fit-toroq peress li aħna firmatarji tal-

*European Road Safety Charter* u appelli biex jisseparaw aktar skart u jużaw tajjeb il-bring-in-site. Charles Farrugia qal illi japprezza illi jkun hemm avviż ċkejken ta' apprezzament mill-Kunsill lejn l-għalliema li din is-sena irnexxielhom jgħaddulhom it-tfal bniet kollha u l-maġġoranza tas-subien li qagħadu għall-eżami tal-Junior Lyceum.

3.10. Dwar **tindif tat-toroq fir-raħal**, intqal illi se nippruvaw innaddfu bil-*bobcat* Triq it-Torri Vincenti u Triq is-Siġġiewi wara li tajna bidu għal Triq tas-Sejba. F'dawn it-toroq jaqa' ħafna trab minn ħafna vetturi mgħobbija b'materjal tal-kostruzzjoni li jiffrekwentawhom.

3.11. Se jkunu ordnati **sinjali** li juru li ġejja kisra **fi Triq tas-Sejba** għaliex jidher li kien hemm kollużżjoni kerha ħafna f'din it-triq propju mal-barikati li kien għamel il-Kunsill mal-ħajt tal-barriera tal-Bully, li seta' kellu konsegwenzi aktar serji. Intant dawn il-barikati li fihom reklam, se naraw jekk is-sidien tagħhom jixtiqux iġeddu l-istess reklam li l-perjodu tiegħu jagħlaq bħal issa.

3.12. It-**tindif tal-ġibjun il-miftuħ** ma jistax isir għal issa għaliex dan għad fadallu ħafna ilma tax-xita fih li jagħmel ix-xogħol impossibbli li jsir. Nittamaw li dan jilħaq jinxef sa' l-aħħar tas-sajf. F'dan il-waqt intqal illi dan għandu jkun imfannad u se niktbu lill-Malta Resources Authority biex naraw ittiniex permess li intaqbu toqob fih fil-blat ħalli ħafna aktar ilma jmur fl-ilma tal-pjan.

3.13. Is-SE informa lill-Kunsill bl-andament tal-**korsijiet tal-*computer*** kif ukoll dak tal-**Ganutell** li qed jinżammu fl-Isptar il-Qadim, saħansitra simultanjament.

3.14. Wara l-laqgħa li kellna fl-uffiċċju tagħna dwar id-diffikulta' ta' **ħlasijiet ma l-*AGP Group***, kien deċiż ma' rappreżentanza ta' Kunsilli oħra illi ma nibqgħux affiljati magħhom u ma jitħallasx il-kont ta' €4,000 li talbu li jiġi mħallas biex rappreżentant tagħhom mar Franza mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħna qabel telaq. Nicholas Briffa qal li huwa m'għandu l-ebda oġġezzjoni minkejja li l-ideja kienet nibtet meta kien Sindku hu għaliex qabel mas-Sindku li post din l-aġenzija issa ħaditu l-MEUSAC u l-proġett tal-imtieħen tar-riħ, verament kien tar mar-riħ. Intant se ninfurmaw lill-Kunsilli l-oħra b'dan kollu, inkluż lis-sindku ta' Ħal Kirkop li dak iż-żmien kien involut f'dan il-proġett direttament.

4. Bi preparazzjoni għall-**festa ta' Sta Marija**, is-SE qassam kopja ta' l-invit li rċieva llum stess lill-kunsillieri għall-programm mużikali li se jinżamm nhar it-Tnejn, 10 ta' Awwissu, 2009. Se nordnaw il-fjuri fil-knisja, quddiem l-istatwa u ktieb biex jingħata waqt il-programm strumentali. Hawn is-SE qal li jixhraq li jkun ktieb fuq il-mużika preferibbilment li jikkommemora xi mużiċist li għalaq xi anniversarju. Dwar id-drink lil bandisti, dan se jingħata nhar it-13 ta' Awwissu, 2009. Tmien gwardjani lokali se jkunu inkarigati jimmaniġjaw it-traffiku nhar u lejlet il-festa filwaqt li se jinkrew il-mobile toilets kif ukoll jitnaddaf sew it-toilet pubbliku li hawn mal-berġa ta' l-għassa billi qed nantiċipaw aktar żieda fl-użu tiegħu minħabba numru ta' pulizija li jkunu hawn fil-festa.

5. Ġiet approvata l-Payment Approval Sheet numru 352.

6. **F'punti oħra**

6.1. Is-Sindku semma li saritlu talba mill-Kumitat tal-futbol biex **jintuża l-fond ta' l-Isptar il-Qadim** għal attivita' tagħhom nhar id-19 u l-24 ta' Awwissu. Se naraw jekk dawn il-ġranet jaħbtux mal-kors tal-computer u jekk le, nagħtuhom permess li jużawh.

6.2. Għal-**laqgħa** li saret fil-Muniċipju tagħna mal-***Head Runway (Malta International Airport)*** mas-Sur Dalmas, li l-minuti tagħha ħadithom l-iskrivana Valerie Galea, intqal illi huma lesti li jnaddfu l-area minn kull ħmieġ viċin l-emergency exit tar-runway f'tas-Sejba. Intant se nivverifikaw mal-Kummissarju ta' l-Artijiet jekk din il-parti (għalqa) hix privata jew pubblika.

6.3. Dwar l-**iskema ta' aċċessibbilta'** għall-uffiċini tal-Kunsill, jonqos l-aċċettazzjoni tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' biex ikun eżenti il-lift li qed jipproponu huma fil-Muniċipju, post skedat għall-importanza storika tiegħu fejn fis-1600 ħadd ma kien ħaseb għall-lift.

6.4. Is-Sindku informa lill-kunsillieri illi x-xogħol fuq ir-restawr tan-**niċċa ta' San Ġużepp fi Triq Valletta** issa beda mill-Kumpanija Agius Stone Works. Infatti intrama' l-iscaffolding u qed jaħdmu l-ħaddiema biex tkun konservata mhux biss in-niċċa, iżda wkoll l-istatwa nnifisha.

6.5. Grace Maria Mallia ġibdet l-attenzjoni illi l-***barman* tal-Każin tal-PN**, li jinsab biswit dak tas-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju, qed joħorġu mhux siġġijiet fuq il-bankina iżda wkoll imwejjed mingħajr ma jħallas permess. Is-Sindku qal li huwa personalment diġa' ġibed l-attenzjoni tal-*barman* biex dawn idaħħluhom ġewwa.

6.6. Grace Marie Mallia ġibdet l-attenzjoni illi l-**vettura tat-trasport pubbliku** bir-reġisgtrazzjoni FBY 776, mhix tgħaddi mill-Pjazza tal-Knisja u qed twaqqaf lil *commuters* fil-*By-Pass* alavolja ma jkunx hawn toroq magħluqin minħabba xi armar ta' cranes u jew tal-festa.

7. Is-Seduta **ntemmet fit-8.45pm** u l-appuntament għal dik li jmiss se jkun għal nhar it-**18 ta' Awwissu, 2009** fis-6.30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*18 /08 /2009 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |